MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta ta' l-4 ta' April, 2003

Talba Numru. 156/2003

**Elmo Insurance Agency Limited, bhala rappresentanti tas-socjeta` estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Anthony Grech u l-istess Anthony Grech**

**vs**

**Clayton Vella**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Jannar, 2003 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u sebghin lira Maltija u hamsa u disghin centezmu (Lm370.95), bhala risarciment ta' danni komplessivi, kwantu ghal tlett mija u hamsa u erbghin lira Maltija u hamsa u disghin centezmu (Lm345.95) lis-socjeta` Elmo Insurance Agency Limited noe u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) lill-attur Anthony Grech, minnhom**

**sborsati bhala konsegwenza ta’ incident awtomobilistiku li gara Sliema fil-21 ta’ Gunju, 2002, meta waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura numru JBB-803 habat mal-vettura numru AAA-303, propjeta` ta’ l-attur Anthony Grech u misjuqa minnu, ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;**

**Oltre d-danni u l-ispejjez tal-kawza, il-konvenut ghandu jhallas l-ispejjez ta’ l-ittra ufficjali (b’notifika wahda) tat-18 ta’ Ottubru, 2002, u l-imghax legali b’effett mit-18 ta’ Ottubru, 2002 sad-data ta’ l-effettiv pagament.**

**Ra li fis-seduta tas-27 ta’ Frar, 2003, deher id-difensur tal-konvenut. Il-konvenut baqa’ ma deherx.**

**Semgha x-xhieda ta’ Joseph Mula ghas-socjeta` attrici. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talbiet attrici jirrizultaw soddisfacentement ruvati, u wara li ra l-Art.13(b) tal-Kap.380, it-Tribunal isib lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh, u jikkundannah ihallas: lis-socjeta` Elmo Insurance Agency Limited noe is-somma ta’ tlett mija u hamsa u erbghin lira Maltija u hamsa u disghin centezmu (Lm345.95), u lill-attur Anthony Grech is-somma ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00), kif ukoll l-imghax legali b’effett mit-18 ta’ Ottubru, 2002 sad-data ta’ l-effettiv pagament, fuq iz-zewg ammonti imsemmija.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-18 ta’ Ottubru, 2002, ghandhom jigu sopportati kollha mill-konvenut.**

-------------------------------TMIEM--------------------------------